**BORD LI JIRREGOLA L-KERA**

**Magistrat Dr. Monica Vella LL.D., M.Jur.**
**CHAIRPERSON**

**Rikors numru 200/2020**

**Patricia Curmi (KI 335066M), Graziella Pullicino (KI 0035270M) u Stepanie Mose' Pullicino (KI 0254564M)**

**vs**

**Samuel Brown (KI 685362M)**

**Illum, 17 ta' Jannar 2023**

Il-Bord;

Ra r-rikors promotur fejn ir-rikorrenti ippremettew:

" i. Illi r-rikorrenti huma proprjetarji tal-fond 57 gja 88, Triq Santa Skolastika, Birgu.

ii. Illi l-fond kien originarjament inkera mill-antekawza tar-rikorrenti ossia l-mejjet missierhom Anthony Pullicino lill-mejjet Henry Brown, missier l-intimat odjern.

iii. Illi dan il-garaxx kien ilu mikri lill-intimati minn qabel l-1 ta' Jannar 1995 u ma jiffurmax parti mir-residenza ordinarja tal-intimat u lanqas ma huwa fond kummercjali.

iv. Illi l-fond m'ghandux permessi kummercjali u qed jintuza biex jinzamm l-imbarazz fih u oggetti mhux vendibbli, u ghalhekk l-intimat m'ghandux dritt ghar-renova tal-kera wara l-1 ta' Jannar 2010 u dan ai termini tal-Artikolu 1531H tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

v. Illi inoltre l-intimat ilu ma jhallas kera mill-1 ta' Jannar 1997.

vi. Illi l-fond in kwistjoni ghandu jigi ritornat lir-rikorrenti mill-aktar fis."

Talbu lil dan l-Onorabbli Bord:

"Ghaldaqstant, l-esponenti jitolbu lil dan l-Onorabbli Bord sabiex jordna ir-ripreza tal-fond 57 gja 88, Triq Santa Skolastika, Birgu stante illi l-intimat m'ghandux dritt ghar-renoca ai termini tal-Artikolu 1531H tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta wara l-1 ta' Jannar 2010, oltre illi ilu ma jhallas kera mill-1 ta' Jannar 1997, u dan taht dawk il-pattijiet u kundizzjonijiet li dan l-Onorabbli Bord joghgbu xieraq u opportun bl-ispejjez u bl-ingunzjoni tal-intimati ghas-subizzjoni."

Ra illi l-intimat Samuel Brown ma preżenta l-ebda risposta.

Ra li r-rikors gie debitament notifikat lill-intimat kif jirrizulta mir-referta a folio 7A tal-process.

Ra l-affidavit tar-rikorrenti Patrica Curmi prezentat permezz ta' nota fit-28 t'April, 2022[1] ;

Sema' x-xhieda;

Ra li fis-seduta tal-10 ta' Jannar 2023 ir-rikorrenti ipprezentat nota bil-kapitoli ghas-subizzjoni tal-intimat[2] u l-kawza giet differita biex jinqraw il-kapitoli[3];

Ra li fis-seduta tas-17 ta Jannar, 2023 inqraw il-kapitoli.

**Ikkunsidra:**

Permezz ta' din il-kawza r-rikorrenti qeghdin jitolbu l-izgumbrament tal-intimat mill-fond 57 gia 88, Triq Santa Skolastika, Birgu, stante illi jghidu li l-fond qed jinzamm mimli imbarazz u ghalhekk mhux qed jintuza ghall-iskop li gie mikri. In oltre l-intimat ilu ma jhallas il-kera sa mill-1997.

**Ikkunsidra:**

Illi mill-atti jirrizulta li ghalkemm notifikat bit-talba tar-rikorrenti, l-intimat ma ipprezenta l-ebda risposta u ghalhekk irrenda ruhu kontumaci[4].

---

[1] A folio 11 tal-process

[2] A folio 22 tal-process.

[3] Kif jirrizulta mill-verbal tal-istess seduta a folio 22 tal-process.

[4] Ghalkemm wiehed ghandu jfakkar illi quddiem il-Bord li Jirregola l-Kera l-kuncett ta' kontumacja mhux tassattiv bhal fil-kaz tal-Qrati Superjuri u dan stante li l-Ligi tal-Kera tipprovdi ghan-nuqqas ta' formalita tal-proceduri u ghalhekk il-kontumacja tal-intimat mhix awtomatika, pero fil-kaz in ezami l-intimat baqa' tul il-proceduri la prezenta risposta u lanqas deher sabiex jikkontesta t-talbiet tar-rikorrenti.

Ir-rikorrenti ipprezentaw kapitoli ghas-subizzjoni tal-intimat li inqraw fis-seduta tas-17 ta’ Jannar, 2023, liema gew approvati fl-istess seduta.

Peress illi l-intimat naqas u ma deherx sabiex jikkontesta l-istess la meta gew pprezentati l-Kapitoli u lanqas fis-seduta tas-17 ta’ Jannar, 2023 meta l-kapitoli infethu u inqraw, l-istess kapitoli ghalhekk jirrizultaw misthoqqa u ghandhom jigu emmnuti u ghalhekk ghandhom jittiehdu bhala mistqarra mill-istess intimat.

Il-Bord ghalhekk ghadda sabiex jiddeciedi t-talbiet tar-rikorrenti.

**Decide.**

Ghaldaqstant, ghal dawn ir-ragunijiet, il-Bord qieghed jaqta’ u jiddeciedi din il-kawza billi jilqa’ t-talbiet tar-rikorrenti u jawtorizza lir-rikorrenti jirriprendu l-fond numru 57 gja 88, Triq Santa Skolastika, Birgu u ghall-fini ta’ zgumbrament tal-intimat jifissa terminu ta’ zmien tletin jum mil-lum. Bl-ispejjez kontra l-intimat.

***Magistrat Dr. Monica Vella LL.D., M. Jur.***

Angelo Buttigieg
Deputat Reġistratur